It-Tlieta 18 ta' Mejju 2021

P9_TA(2021)0219

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (COM(2020)0022 – C9-0007/2020 – 2020/0006(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2022/C 15/27)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0022) u l-proposta emendata (COM(2020)0460),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 322(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0007/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Kamra tad-Deputati Ċeka, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-20 ta' Lulju 2020 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2020 u tat-18 ta' Settembru 2020 ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta' Lulju 2020 ([3]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-3 ta' Marzu 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0135/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([4]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 290, 1.9.2020, p. 1.
([2]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55 u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 240.
([3]) ĠU C 324, 1.10.2020, p. 74.
([4]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-17 ta' Settembru 2020 (Testi adottati, P9_TA(2020)0223).

It-Tlieta 18 ta' Mejju 2021

P9_TC1-COD(2020)0006

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2021 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2021/1056.)